MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 39/2010

**John Borg**

**Vs**

**James Gauci**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Jannar, 2010 fejn l-attur talab lit-Tribunal sabiex jordna lill-konvenut ihallas s-somma ta' mitejn tnejn u tmenin Ewro u tmintax-il centezmu (€282.18) rapprezentanti premium fuq il-vettura Alpha 156 numru tà registrazzjoni NAT 212 li huwa hallas fuq struzzjonijiet tà l-istess konvenut fid-29 tà Frar, 2008.

Bl-ispejjez inkluzi tal-Ittra Ufficjali taht l-Artiklu 166A tal-Kap 12 tal 24 tà Novembru, 2009 u bl-imghax mid-29 tà Frar, 2008, kontra l-konvenut.

Ra ukoll ir-Risposta ipprezentata fid-9 ta' Marzu, 2010 fejn l-konvenut ikkontesta t-talba attrici stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-esponenti qatt ma nkariga lir-rikorrent sabiex ihallaslu l-premium mertu tal-kawza.

It-Tribunal ezamina x-xhieda li ngiebet.

Xehed l-attur li spjega li fis-sena 2006 il-konvenut kien hatar lill-konvenut bhala intermedjarju fl-'*insurance'* tieghu, liema hatra giet esebita u tinsab a fol 13 (tlettax) tal-process. Filfatt xoghol l-attur huwa dak tà intermedjarju fl-'*insurance*'. Huwa spjega kif l-ewwel polza tal-konvenut li hariglu l-attur kienet ghas-sena 2006 sa 2007. Liema polza gie mitlub igedded fis-sena 2007 sal-2008. Is-sistema kienet illi l-konvenut kien imur ihallas wara li tigi mgedda l-polza. Meta waslu ghas-sena 2008-2009 l-attur jixhed illi wara li 'qadt niccejsjah permezz tà '*reminders*'. Il-konvenut imbaghad tani struzzjonijiet biexx immexxi u ngeddidlu s-sena u qalli bhas-soltu li kien ser jigi jhallasni wara.'

Wara li ghadda xahar l-attur cempel lill-konvenut sabiex imur ihallasu u l-konvenut kien qallu li ma l-ewwel cans li jkollu kien ser imur ihallsu. Izda baqa' ma marx. Kien wara bosta telefonati li l-konvenut kien informa lill-attur illi kien biegh il-karozza. Pero xorta ma marx ghand l-attur bit-'*transfer*' u sabiex jitlob '*refund*' ghaz-zmien li kien fadal fl-insurance. L-attur b'hekk informa l-ghassa u s-surgent tal-ghassa kellem lill-konvenut li kien accetta li jhallas nofs il-'*premium*' tal-'*insurance*' liema proposta ma gietx accettata mill-attur. L-attur xehed ukoll illi fit-13 tà Mejju, 2010 kienet cemplitlu terza persuna li ghamlet offerta ghan-nom tal-konvenut li jhallas nofs l-ammont. Liema proposta l-attur baqa' ma accettax u di piu kien hemm l-ispejjez tal-kawza.

Xehed ukoll PS 545 illum l-Ispettur Gabriel Micallef li kien ghamel ir-rapport u kien kellem lill-konvenut. Huwa xehed li kienet saritlu l-proposta li l-konvenut ihallas nofs l-ammont dovut. Kien hemm inkonsistenza wkoll fix-xhieda

tal-Ispettur Micallef li l-ewwel qal li mar fuq il-post tax-xoghol tal-konvenut imbaghad qal illi kien il-konvenut li mar ikellmu fl-ghassa u dan minkejja li la kienet kwistjoni kriminali u lanqas taqa taht id-distrett tal-ghassa fejn kien stazzjonat.

Xehed il-konvenut u qal illi kien xtara l-karozza bin-numru tà registrazzjoni NAT 212 u wara li ghamel uzaha l-ewwel sena kien mar ghand l-attur biex jinxurjaha, peress illi kien irhas milli kellu. Huwa xehed li din kienet is-sena 2007. F'din is-sena l-konvenut il-karozza uzaha mhux izjed minn darbtejn u ghalhekk fis-sena 2008 kien bieghha. Huwa xehed illi f'din is-sena u cioe 2008 ma hallasx l-'*insurance'* u l-licenzja avolja l-karozza kienet ghandu fil-'*garage*'. Kompla jghid illi f'Settembru 2008 biegh il-karozza u hallas il-licenzja ghal dik is-sena. Qal li sar jaf, pero, li l-attur kien hariglu insurance fuq din il-karozza avolja ma kellux bzonnha.

Mistoqssi in kontroezami dwar l-arrangament illi jhallas wara li tinhariglu l-polza tà assikurazzajoni huwa fl-ewwel sentenza jghid illi ma kien hemm l-ebda ftehim hekk u fis-sentenza tà wara jghid 'effettivament jien kont nghildu biex johroghili imbaghad wara li kien jaghmel hekk jien kont inhallsu.'

It-Tribunal jara li kien hemm inkonsistenza fix-xhieda tal-konvenut illi jibda biex lanqas kien ezatt f'kemm il-darba inxurja l-karozza permezz tal-attur. Is-snin kienu 2006-2007, 2007-2008 u sa hawnhekk ma kienx hemm problemi ghax il-konvenut hallas, u kien hemm is-sena 2008-2009 tà liema sena l-konvenut ha hallasx. Dawn is-snin gew ppruvat minn dokumenti pprezentati mill-attur a fol 12 (tnax) sa fol 17 (sbatax) li juru premiums imhallsin mill-attur kif ukoll il-mandat tal-konvenut lill-attur sabiex jaghmel li kien datat 3 tà Marzu, 2006 liema dokument jissostanza l-verzjoni tal-attur. Rigward is-sena 2008-2009 l-verzjoni tal-konvenut lanqas ma hija kredibbli peress illi l-iskadenza tal-'*insurance*' hija 28 tà Frar, 2008 mentri l-karozza inbieghed f'Settembru 2008. Il-konvenut jghid illi meta biegha kien hallas il-licenzja peress illi qabel ma kienx qed juzaha Min xtara l-karozza hallas '*insurance*'

gdida u l-konvenut hallas il-licenza. Hawnhekk huwa inverosimili li l-konvenut sar jaf li nhargitlu insurance f'Settemrbu u li l-attur ma kkuntatja xejn lill-konvenut sabiex jigbor fluss. Filfatt il-konvenut ma cahadx illi l-attur ikkuntatjah ghal hlas wara xahar minn meta nharget l-insurance. Qal pero illi fis-sena 2008 l-attur ikkuntatjah diversi drabi u hu qallu li ma ghandux bzonn insurance. It-Tribunal ma jistax jemmen dan peress illi minkejja li l-attur gie infurmat illi l-konvenut ma kellux bzonn l-insurance dan harigha xorta meta diga jaf li biex jigbor flusu kellu jithabat. Dan intqal ukoll waqt il-kontroezami tal-attur.

It-Tribunal ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ezamina x-xhieda mghotija. Din hija kawza fejn wiehed irid jara x'intqal miz-zewg partijiet u jifli l-veracita tax-xhieda taghhom.

Dan it-Tribunal ihoss illi kien hemm konsistenza fix-xhieda tal-attur. Min-naha tal-konvenut dan it-Tribunal ma jhossx illi kienet veritiera u ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attur is-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin Ewro u tmintax-il centezmu (€282.18) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza kif ukoll tal-Ittra Ufficjali taht l-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-24 tà Novembru, 2009 jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------